**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 26 TA' MARZU, 2002**

**Numru: 3**

**Avviz Nru: 281/02 AE**

**Brincat's Company Limited**

**Vs**

**Evan Mamo**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tmien mija u sitta u sebghin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm876.14), hlas dovut bhala bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata fuq ordni tal-konvenut.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat naqas milli jikkontesta l-kawza u milli jidher ghas-seduti tat-22 ta' Marzu 2002 u tal-lum.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tmien mija u sitta u sebghin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm876.14), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Novembru 2001 u fin-nuqqas mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**